# Pittura fil-Knisja Parrokkjali

## *Franċesco Vinċenzo Zahra (l-ewwel parti)*

*Daniel Schembri*

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien insibu bosta nkwatri mpittra biż-żejt fuq it-tila minn artisti Maltin u barranin u għalhekk din is-sena ser nitkellmu ftit fuq dawk il-kwadri mpittra mill-artist Franċesco Zahra.

Vinċenzo Franċesco Zahra twieled l-Isla nhar il-15 ta' Ottubru 1710 minn Paolo u Agostina mwielda Casanova. Ta'eta żgħira, huwa tħarreġ bħala skultur. Franċesco kien ġej minn familja importanti ta' skarpellini li kien hawn Malta dak iż-żmien. Għalhekk, jista' jingħad, li Franċesco beda bħala skultur fil-ħanut ta' missieru. Minkejja dan, Franċesco kien ħabib sew ta' Gian Nicola Buhagiar u kollox jindika li hu kien beda jaħdem taħt id-direzzjoni ta' Buhagiar fl-ewwel snin tal-ħidma artistika tiegħu. Biċċa xogħol li saret minnu fl-1732, meta kien għad kellu 22 sena, turi biċ-ċar li l-ħiliet tiegħu fl-arti dehru minn kmieni. Franċesco ta' 32 sena żżewweġ ma' Tereża Fenech u mar jgħix il-Belt Valletta, u għalhekk fil-qrib ta' Gian Nicola Buhagiar, l-artist żagħżugh baqa' jgħin lil missieru fid-diversi xogħlijiet li kellu. Lejn l-aħħar ta' l-għoxrinijiet u l-bidu tat-tletinijiet, Pietru Paolo Zahra, seta' jiftaħar li kellu lil ibnu kapaċi jpitter kwadri għall-artal li huwa kien qed jiskultura u li d-dekorazzjoni sħiħa ta' dan setgħet tinħadem minn familja waħda.



Franċesco Zahra ħalla fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien bosta opri li wkoll jagħmlulu ġieħ. Wieħed mill-aktar inkwadri grandjuż u arjuż li nsibu huwa dak li jirrappreżenta lill-Madonna tar-Rużarju. Kurżità b'konnessjoni ma' din il-pittura hija li meta l-artist tqabbad biex ipitter dan il-kwadru il-fratellanza tar-rużarju kienet għadha tagħmel użu mill-artal li kellha fil-kappella, illum artal tal-Kurċifiss. Seta' ġara li meta ngħalqu l-bibien li kien hemm fil-kappelluni, u issa nħolqu żewġ artali ġodda, il-fratellanza għamlet talba lill-kappillan jew prokuratur sabiex tkun tista' tagħmel użu minn dan l-artal. Ġara, iżda li din it-talba ma ġietx milqugħa u għalhekk l-artal tal-kappellun ingħata lill-konsodalità ta' l-agunija, jew tal-Kurċifiss. F'riċerka li għamel studjuż minn Ħal Tarxien, instab dokument li fih il-fratellanza tar-rużarju reġgħet għamlet talba, din id-darba lill-Kappillan Attard. Issa li l-konsodalità tal-Kuċifiss jidher li ma kenitx aktar attiva u naqset ħafna, din it-talba ġiet aċċettata. Nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ kongregazzjonijiet qishom biddlu l-post tagħhom ma' xulxin, dak tal-Kurċifiss mar fil-kappella tar-rużarju, u dak tar-rużarju ħareġ fil-kappellun, kif insibuhom illum. Għalhekk, meta Zahra tqabbad biex ipitter dan l-inkwadru, il-fratellanza donnha ħasbet fit-tul u ma warrbitx il-possibilitajiet li xi darba għad ikollha l-artal tagħha fil-kappellun. Instab ukoll li meta tlestiet din l-opra ta' arti u l-pittura tpoġġiet postha, il-qisien kienu ħafna akbar minn

dak tal-gwarniċ, imma b'għaqal, iż-żejjed ġie mrembel u tpoġġa fuq wara. F'dan il-kapolavur naraw kif Zahra uża r-rappreżentazzjoni ta' arkitettura fittizja wara l-figuri prinċipali, fejn 'is-sagra converzazione' qiegħda f'ambjent ta' palazzo miftuħ. Id-drappeġġ li naraw fl-ilbies ta' San Duminku u ta' Santa Katarina ta' Siena juri l-element qawwi tal-barokk, fejn il-piegi huma aktar wiesgħa u maqsuma b'dellijiet qawwija u l-figuri huma twal u b'uċuħ elongati. Jiċċaqalqu b'mod esaġerat, tipiku tal-barokk, waqt li kollox jinsab movumentat. Fuq wara anġli u puttini jtiru u jilagħbu bid-drappeġġ barokk taħt dik l-istruttura arkitettonika, li bħala naraw aktar f'numru ta' kwadri ta' Zahra u li influwenzata mill-pittura barokka Naplitana ta' l-istess epoka. Fil-ġnub u wara nsibu mqassmin ix-xeni tal-posti tat-talba tar-rużarju. Ċentrali, bil-qegħda u b'mod dinjituż u imponenti, insibu l-figura ta' Marija, li filwaqt li b'idha qiegħda tħaddan lil Ġesu' tfajjel, bl-id l-oħra qiegħda tagħti l-kuruna tar-rużarju lill-qaddis Duminku ta' Kalaroga.



Wieħed mill-aħħar xogħlijiet li ħadem Francesco Zahra huwa l-inkwadru għall-artal tal-Madonna taċ-Ċintura. Dan l-inkwadru huwa datat 1771, u għalhekk dan huwa wieħed mill-aħħar xogħlijiet fil-karriera ta' dan l-artist. Fih insibu li s-sens ta' kalma bdiet taħkem aktar fl-artist, u għalhekk ma nsibux l-istess elementi li nsibu f'inkwadri oħra. Il-Madonna bil-qiegħda b'Ġesu' Bambin f'ħoġorha, Santu Wistin, Santa Monika, Santa Katarina ta' Lixandra u Sant'Agata jinstabu kollha fuq quddiem tax-xena, waqt li fuq wara, b'kuntrast u kemmxejn oskur naraw anġli u puttini jittajru fuq sfond skur. L-anġlu li qiegħed iżomm is-simboli tal-martirju tal-qaddisa martri huwa sinonimu max-xogħol ta' Zahra u għalhekk narawh f'aktar minn inkwadru wieħed. Sant'Agata, flimkien ma' Santa Katarina ġew inklużi fil-pittura minħabba li l-artal kien iddedikat lilhom u qabel ma' tpoġġiet il-pittura ta' Zahra, kien hemm pittura qadima b'dawn iż-żewġ qaddisin martri.

L-artal tal-Qalb ta' Ġesù fih ħafna mill-elementi li naraw f'dak tal-Madonna taċ-Ċintura, għalkemm fih tirrenja aktar il-kalma. Is-Suġġett prinċipali, jiġifieri Kristu, qiegħed ċentrali, jiddomina l-inkwadru, waqt li fuq naħa nsibu lil Tereża ta'Avila u l-Franġisku t'Assisi. Bħal ma' ġara fl-artal tal-Madonna taċ-Ċintura, dan l-artal kien iddedikat lil San Franġisk, u għalhekk l-artist inkluda lill-qaddis fil-pittura l-ġdida tiegħu. Tajjeb ngħidu li dan kien wieħed mill-ewwel kwadri ta' meta bdiet id-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesu' f'Malta, imxerrda fostna mill-Ġiżwiti li kellhom id-dar ta' Gana ħdejn il-knisja, illum magħrufa bħala tan-Naxxari. Fit-tieni parti ta' dan l-artiklu nkomplu nitkellmu fuq kwadri oħra fosthom wieħed attribwit lil dan l-artist, li pitter għall-knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

*Referenzi:*

*Battistino Vince - Hal Tarxien 1993*
*Kan. Vince Borg - Il-Knisja Parrokkjali ta' Hal Tarxien 1973*
*Mangion Fabian - L-Isla Leħen il-Parroċċa Fuljett Festa Settembru 2006*
*Dr. Keith Sciberras - L-Arti Barokka f'Malta 2003*